MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2006

Avviz Numru. 178/2005

**Avviz numru 178/05 DM**

**Captain Morgan Leisure Ltd**

**Vs**

**Fiorentino Ian**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpannija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghal-hlas tas-somma ta' elf disa' mija erbgha u disghin lira Maltin u disgha u disghin centezmu (LM 1994.99), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici ghall-biljetti ta' eskursjonijiet provduti lilhu fuq talba tieghu stess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-interpellazzjoni, bonarja u ufficjali, u bl-interessi sa mid-data ta' meta l-ammonti saru dovuti, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma’ deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma’ deher fis-seduta ta’ llum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u qeghdha konsegwentement tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-kumpanija attrici s-somma mitluba ta’ elf disa’ mija erbgha u disghin lira Maltin u disgha u disghin centezmu (LM1994.99) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b’ effett mill-4 t’ April, 2005; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------